IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 07-2019(10_12_19)**

**10 ta' Diċembru 2019**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fis-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Damien Spiteri - Sindku
Is-Sa Carmela Parnis - Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sur Mark Busuttil - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Damien Spiteri.

**07.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

07.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċieva *e-mail* mingħand is-Sur Mark Busuttil fejn talab ikun skużat peress li f'din il-ġurnata huwa ser ikun imsiefer.
Huwa ġie skużat.

**07.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

07.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħa preċidenti numru 06-2019(05_11_19) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**07.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

07.3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet saret laqgħa mal-i*stakeholders* dwar il-Proġett tal-Pjazza fil-Ministeru għal Għawdex. Saret laqgħa ta' konsultazzjoni dwar il-proġett għar-residenti tal-Munxar u Ix-Xlendi fiċ-Ċentru Parrokkjali. F'dawn iż-żewġ okkażjonijiet attendiet il-Ministru għal Għawdex.

Sar it-tiżjin tal-Milied f'diversi toroq fil-Munxar u Ix-Xlendi u anke fil-Pjazza tal-Knisja.
Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-iskema 'Achievers' li hija mmirata lejn iż-żgħażagħ. Huwa kien ser jaħdem fuq din.
Is-Sindku ġie infurmat li fil-bokka tal-*culvert* li joħroġ l-ilma li qiegħda f'tarf Triq l-Isqawi, l-ilma qed iħaffer taħt il-ħajt bil-konsegwenza li l-ħajt jista' jaqa'. Ġie deċiż li jittella' ċint u jsir xi *concrete*.
Is-Sindku enfasizza li mal-arbli taż-*zebra crossings* tal-Pjazza tal-Knisja jsir *floodlight* sabiex l-art fejn hemm iż-*zebra crossing* tkun imdawla. Ġie deċiż li jinxtara *floodlight* li jiċċarġja bil-pannella *build-in*. Mingħajr *bracket* din tiswa €80. Ser tinxtara waħda biex tiġi pprovata.

**07.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

07.4.1 Il-Viċi Sindku, is-Sa Carmela Parnis talbet sabiex ħaxix u qasab li hemm fi Triq Kolaċi jinqata'. Talbet ukoll li ssir rampa fi Triq Damasku għal ġor-raba' iżda ġiet infurmata li l-Kunsill ma jistax jagħmel xogħol 'il ġewwa mill-bankina.
Talbet li l-lampa numru 023 ta' Triq Munxar terġa' titwaħħal, irċeviet ilment li fi Triq Munxar hemm il-wirdien, u jsir *double yellow line* fil-kantuniera ta' Triq iż-Żirżieb u Triq il-Ġostra u jinqata' friegħi ta' siġar ta' *farmhouse* fit-tarf ta' Triq Munxar.

07.4.2 Is-Sinjura Juliet Attard ilmentat li ma huwiex ikun hemm il-*warden* meta jkun hemm id-Duttrina. Peress li l-Kunsill dejjem ordna *warden* ser jiġi vverifikat jekk huwiex jintbagħat.
Infurmat lill-Kunsill li l-*merry-go-round* tal-Pjazzetta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957 ma hijiex taħdem. Staqsiet fiex wasal ir-*railing* li kellu jsir madwar Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina. Hija infurmat lill-Kunsill li diversi residenti ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957 qed jilmentaw minħabba li l-Kunsill qed jikkunsidra li ssir *two way*.

07.4.3 Is-Sur Joseph Cauchi talab lill-Kunsill sabiex iħawwel il-fjuri fil-*pots* li hemm fi Ġnien Ragalna. Kien hemm qbil dwar dan.

**07.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

07.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2019. Il-Kunsill approva dan ir-rapport.

07.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabar tliet stimi sabiex jinkera *sound* għall-*Christmas Market* li ser isir fil-Pjazza tal-Knisja tal-Munxar fl-14 u 15 ta' Diċembru 2019. Ġie magħżul Prostage Sound għall-prezz ta' €1,062 VAT inkluż.

**07.6 Korrispondenza, ilmenti u rapporti**

07.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 20/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Riforma Gvern Lokali – Emendi fl-*Allowances* tal-Presidenti tar-Reġjuni, Sindki, Viċi Sindki, Kunsillieri Lokali u l-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali'.

07.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 21/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Riforma Gvern Lokali – Pubblikazzjoni ta' Avviż Legali dwar Emenda fir-Regolamenti dwar Proċeduri għal Gvern Lokali – *Management Letter*'.

07.6.3 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 22/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Onorarju u *Allowances*, Attendenza għal-Laqgħat tal-Kunsilli, Ħinijiet tal-Laqgħat tal-Kunsill'.

07.6.4 Il-Kunsill irċieva Direttiva Numru 04/2019 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali'.

07.6.5 Il-Kunsill irċieva Direttiva Numru 05/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Revoka ta' Direttiva Numru 4/2019 u Funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali'.

07.6.6 Il-Kunsill irċieva Direttiva Numru 06/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett '*Procurement Plan*'.

07.6.7 Il-Kunsill irċieva Direttiva Numru 07/2019 mingħand id-Direttur Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett '*Risk Assessment* tal-*Playing Fields* Madwar Malta u Għawdex'.

07.6.8 Il-Kunsill irċieva ittra u *booklet* mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar rigward l-ewwel edizzjoni tal-Malta Architecture and Spatial Planning (MASP) Awards 2019. Dawn il-premijiet iservu biex jagħtu rikonoxximent xieraq lill-proġetti li juru livell eċċellenti fil-kwalità tal-arkitettura u valur fid-disinn tal-ambjent mibni. Il-Kunsill ġie mħeġġeġ jissottometti kwalunkwe proġett imwettaq minnu li jaqbel mal-kriterji eliġibbli tal-premijiet. Addizzjonalment il-Kunsill jista' jinnomina persuna għall-Premju tal-President – Ambjent Mibni 'Personalità tas-Sena 2019'. Dan il-premju jingħata lil persuna li tkun għamlet kontribuzzjoni eċċezzjonali matul is-snin permezz ta' riċerka, edukazzjoni, teorija jew prattika fl-arkitettura u l-ambjent mibni kif ukoll lil persuna li wriet impenn lejn il-promozzjoni u l-avvanz tal-professjoni tal-arkitettura.

07.6.9 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tad-89 Laqgħa tar-Reġjun Għawdex tal-25 ta' Novembru 2019 u l-Minuti tal-Laqgħa Numru 88/2019 kif ukoll l-Iskedi ta' Pagamenti Nru 84 u Nru 85 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

07.6.10 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali l-Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Numru 25 (emendati 25.8.9).

07.6.11 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali l-Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Numru 26.

07.6.12 Il-Kunsill irċieva lment mingħand persuna li qed tallega li fl-24 ta' Novembru 2019 għall-ħabta tas-18:30*hr* kien għaddej minn Triq ir-Rabat ġewwa Ix-Xlendi fejn kien hemm tappiera maqlugħa minħabba x-xita u bid-dlam ma rahiex bil-konsegwenza li baqa' għaddej minn fuqha bil-vettura personali tiegħu u qasam it-*tyre* ta' quddiem tan-naħa tax-xufier. Din il-persuna qed titlob għall-kumpens tal-ħsara li saret li tammonta għal €65.
Ser jiġi kkunsidrat jekk iħallasx il-Kunsill jew il-Gvern Ċentrali.

07.6.13 Il-Kunsill irċieva mingħand persuna li qed tallega li fl-24 ta' Novembru 2019 għall-ħabta tas-18:40*hr* kienet għaddejja minn Triq ir-Rabat ġewwa Ix-Xlendi u kien hemm tappiera maqlugħa minħabba x-xita u bid-dlam ma rathiex bil-konsegwenza li baqgħet għaddejja minn fuqha bil-vettura personali tagħha u qasmet it-*tyre* ta' quddiem tan-naħa tax-xufier. Din qed titlob għall-kumpens tal-ħsara li saret u li tammonta għal €85.
Ser jiġi kkunsidrat jekk iħallasx il-Kunsill jew il-Gvern Ċentrali.

07.6.14 Il-Kunsill irċieva talba mingħand sid ta' proprjetà fi Triq il-Madonna tal-Karmnu, Ix-Xlendi sabiex jitranġa l-wiċċ tal-bankina għaliex qed jidħol l-ilma tax-xita. Din tranġat mill-ħaddiem tal-Kunsill.

07.6.15 Il-Kunsill irċieva talba sabiex issir bankina ġdida fi Triq Ta’ Rinota, Il-Munxar. Il-Kunsill diġà għamel it-talba lill-Ministeru għal Għawdex.

07.6.16 Il-Kunsill għamel talba lill-Ministeru għal Għawdex sabiex isir iż-żbir tal-Palm li hemm fi Triq Dun Spir Gauci, fil-Pjazzetta ta’ Triq it-12 ta’ Diċembru 1957, fi Triq l-Isqawi u fi Triq Munxar. Dan ix-xogħol isir mir-Rural, Gozo Directorate.

07.6.17 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand persuna li applikat ma’ Transport Malta għar-*Reserved Parking Bay* quddiem ir-residenza tiegħu fix-Xlendi u din ġiet irrifjutata minħabba li mhux aktar minn 50 metru ’l bogħod hemm parkeġġ riservat li jista’ jintuża minn kull min għandu l-karta *blue*.
Din il-persuna qed tilmenta dwar din id-deċiżjoni.

07.6.18 Il-Kunsill irċieva kopja ta’ *objection* li ntbagħtet lill-Awtorità tal-Ippjanar mingħand persuna fir-rigward tar-*renewal* tal-permess għall-bini ta’ *flats* u *garages* fi Triq it-Torri. Dan minħabba li f’din l-*area* hemm diġà aktar proprjetà milli hemm domanda fis-suq għaliha, l-iżvilupp propost ser jibqa’ dieħel fil-Wied b’detriment għall-importanza u s-sbuħija tal-Wied li kuljum iżuruh it-turisti, sabiex il-makkinarju jasal fuq il-post tal-iżvilupp irid jgħaddi minn ġol-għelieqi tal-madwar minħabba li ma hemmx aċċess mit-triq u ma hemm l-ebda notifika mwaħħla fil-post tal-iżvilupp kif mitlub mil-liġi u għaldaqstant ir-residenti tal-viċin saru jafu bl-iżvilupp propost b’kumbinazzjoni.

07.6.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Inġinier tal-Ministeru għal Għawdex fejn infurmat lill-Kunsill li l-fanali tad-dawl tal-*promenade* ġralhom ħsarat kbar u nqalgħu. Hija enfasizzat il-bżonn ta’ arbli ġodda li huma b’saħħithom biżżejjed biex jilqgħu għall-maltemp u jsir kollox mill-ġdid u adatt għall-*promenade* tax-Xlendi. Is-Sindku ssuġġerixxa li dawn għandhom isiru meta jitranġa l-*promenade* waqt li jkunu għaddejjin ix-xogħlijiet tal-*Masterplan*.

07.6.20 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand persuna li qed tagħmel studju fuq il-qasam tal-bini u kostruzzjoni. Huwa talab lill-Kunsill iwieġeb diversi mistoqsijiet. Il-Kunsill jista’ jwieġeb biss kemm ħareġ permessi għall-użu ta’ krejn/makkinarju fil-Munxar u Ix-Xlendi fis-sena 2019.

07.6.21 Il-Kunsill ġie infurmat minn Transport Malta li saret talba għar-*Reserved Parking Bay* għall-*handicapped* fi Triq Santa Dminka, Il-Munxar. Il-Kunsill ingħata żmien għaxart ijiem sabiex jibgħat ir-rapport jekk isib xi oġġezzjoni. Jekk ma tirċevix ir-rapport tkun qed tassumi li ma hemmx oġġezzjoni. Peress li l-għaxart ijiem skadew, l-Awtorità għat-Trasport f’Malta approvat din it-talba.

07.6.22 Il-Kunsill irċieva Direttiva Numru 7/2019 dwar *Risk Assessment* tal-*Playing Fields* madwar Malta u Għawdex. Qed inkunu mitluba sabiex kull l-aħħar ta’ Ġunju ta’ kull sena nibagħtu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali isem il-*playing fields* li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill flimkien ma’ kopja tal-aħħar *risk assessment report*. Ġie deċiż li l-Kunsill jikkommissjona lil Galea Curmi Engineering Consultants Ltd biex jipprepara *risk assessment* ta’ Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina u l-Pjazzetta ta’ Triq it-12 ta’ Diċembru 1957.

07.6.23 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur Ġenerali, Strateġija u Sapport fil-Ministeru għal Għawdex dwar pjan li ġie mfassal sabiex xogħlijiet li qed isiru f’diversi rħula Għawdxin jitlestew. Huwa ppjanat li x-xogħol fi Triq Munxar jitlesta sal-aħħar ta’ Diċembru 2019.

07.6.24 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex fejn qed jinforma lill-Kunsill li l-Fundatriċi u *Chair* tal-Gozo CCU Foundation qiegħda tagħti b’donazzjoni *Automated External Defibrillator* (AED) lil kull Kunsill Lokali ta’ Għawdex sabiex dan jitwaħħal f’post li l-aktar ikun frekwentat minn-nies.
Il-Kunsill kien ser jitlob għal AED wieħed u ser jiġi installat fil-Pjazza tal-Knisja.

**07.7 Il-Proġett tal-Pjazza tal-Knisja**

07.7.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet saret laqgħa mal-i*stakeholders* dwar il-Proġett tal-Pjazza fil-Ministeru għal Għawdex. Saret ukoll laqgħa ta' konsultazzjoni dwar il-proġett għar-residenti tal-Munxar u Ix-Xlendi fiċ-Ċentru Parrokkjali. F'dawn iż-żewġ okkażjonijiet attendiet il-Ministru għal Għawdex.

**07.8 Jum Il-Munxar 2019**

07.8.1 Din is-sena Jum Il-Munxar ser jaħbat il-Ħamis, 12 ta' Diċembru 2019. Ser issir quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu u wara ssir Serata ta' Jum Il-Munxar fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali, Il-Munxar. F'din is-Serata ser jiġi ppreżentat 'Ġieħ Il-Munxar 2019', jindaqqu siltiet mużikali, isir il-qari ta' poezija bit-tema 'Raħal Twelidi' u jgħaddu l-messaġġ tagħhom tal-okkażjoni l-Kappillan tal-Munxar, il-Ministru għal Għawdex u s-Sindku tal-Munxar. Ġiet mistiedna l-*band* D Capital's, ser jinħadem *feature* dwar l-għaxar edizzjonijiet ta' 'Ġieħ Il-Munxar' u fl-aħħar tas-Serata ser isir riċeviment.

Is-Sindku ppropona li 'Ġieħ Il-Munxar 2019' jingħata lis-Sur Joseph Sultana – *ex*-Sindku tal-Munxar u lis-Sur George Calleja – persuna li twettaq ħafna xogħol volontarju fir-raħal.
Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

**07.9 Attivitajiet tal-Milied**

07.9.1 Din is-sena l-Kunsill ser jorganizza tliet attivitajiet prinċipali tal-Milied.

Fil-11 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill ser jorganizza Ħarġa għal Malta fejn ser inżuru l-Monti tal-Milied fir-Rabat ta' Malta magħruf bħala 'Natalis Notabilis'. It-trasport u l-biljetti tal-vapur ser ikunu provduti mill-Kunsill u nitilqu mill-Pjazza tal-Knisja fl-3:45 ta' filgħaxija sabiex naqbdu l-vapur tal-4:30 ta' filgħaxija.

Fl-14 u 15 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill flimkien mal-Għaqdiet tal-Lokalità ser jorganizzaw il-*Christmas Market* bl-isem ta' 'La Magia di Natale'. Dan ser isir fil-Pjazza tal-Knisja iżda jekk ikun il-maltemp isir fiċ-Ċentru Parrokkjali. Ser ikun hemm kant ta' *carols*, logħob għat-tfal, *Santa Claus* u l-ħbieb u *stalls* tal-Milied. Il-Kunsill ipprintja *flyer* u tqassam f'kull dar fil-Munxar u Ix-Xlendi u ser jipprovdi s-servizz ta' *sound*.

Ħarġa għat-Tfal waqt li jkunu għaddejjin bil-vaganzi tal-Milied.

**07.10 Xogħlijiet ta' restawr tat-Torri tax-Xlendi**

07.10.1 Il-kuntrattur ippreżenta l-garanzija u kopja tal-*insurance* u l-kuntratt ġie ffirmat fid-9 ta' Ottubru 2019. Huwa ngħata l-ordni sabiex jibda x-xogħol. Bħalissa l-kuntrattur flimkien mal-perit tal-proġett qed jaħdmu fuq l-aċċess għat-Torri sabiex iġibu l-permessi meħtieġa.

**07.11 Approvazzjoni tal-Quarterly Report Jannar-Settembru 2019 (it-tielet kwart)**

07.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart tat-tielet kwart Jannar-Settembru tas-sena finanzjarja 2019.
Il-Kunsill approva dan ir-rapport.

**07.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-ħlasijiet**

07.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Iskeda tal-Ħlasijiet numru 07-2019(10_12_19) li tkopri l-perjodu mill-5 ta' Novembru 2019 sal-10 ta' Diċembru 2019 għall-ammont totali ta' €23,936.01 għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni. Il-Proponent kienet is-Sa Carmela Parnis - Viċi Sindku u s-Sekondat kienet is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier.
Din l-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata.

**07.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

07.13.1 Il-laqgħa aġġornat fid-9:00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 30 ta' Jannar 2020 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Dawn il-Minuti ġew ippreparati mis-Sur Anthony Grech, Segretarju Eżekuttiv.

**IFFIRMATA**

Kimberly Spiteri
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-Minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill Nru 08-2020(30_01_2020) li nżammet nhar il-Ħamis, 30 ta' Jannar 2020.

**IFFIRMATA**

Damien Spiteri
Sindku